



**▼B**

**LINJA TA' GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**  
**tal-11 ta' Settembru 2008**  
**fuq il-ġbir ta' dejta dwar l-euro u l-operazzjoni tal-Currency**  
**Information System 2**

(BĊE/2008/8)  
 (2008/950/KE)

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-għanijiet ta' din il-Linja ta' Gwida:

**▼M1****▼B**

- (b) "istituzzjoni ta' kreditu" tfisser istituzzjoni ta' kreditu kif definita fl-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar l-istabbiliment u l-eżerċizzju tal-attività ta' istituzzjonijiet ta' kreditu <sup>(1)</sup>;

**▼M2**

- (c) "CIS 2" tfisser is-sistema li tinkludi: (i) id-database ċentrali installata fil-BĊE biex iżżomm l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-karti tal-flus euro, il-muniti euro, l-infrastrutturi ta' flus kontanti u l-attivitàjiet operazzjonali ta' terzi, miġbura skont din il-Linja Gwida u d-Deċiżjoni BĊE/2010/14 <sup>(2)</sup>; (ii) l-applikazzjoni online bbażata fuq il-web li tippermetti konfigurazzjoni flessibbli tas-sistema u informazzjoni dwar it-tqassim tad-dejta u l-istatus tal-validazzjoni, reviżjonijiet u tipi differenti ta' dejta ta' referenza u parametri tas-sistema; (iii) il-modulu tar-rappurtar sabiex wieħed jara u janalizza d-dejta miġbura; u (iv) il-mekkaniżmu ta' trażmissjoni tas-CIS 2;

**▼B**

- (d) "*frontloading*" tfisser it-trasferiment fiżiku ta' karti tal-flus u muniti euro minn BĊN tal-Eurosistema futur lil kontrapartijiet eliġibbli fit-territorju ta' xi Stat Membru parteċipanti futur matul il-perijodu tal-*frontloading/sub-frontloading*;
- (e) "*sub-frontloading*" tfisser it-trasferiment ta' karti tal-flus u muniti euro kkonsenjati minn kontraparti eliġibbli lil terzi persuni professjonali fit-territorju ta' xi Stat Membru parteċipanti futur matul il-perijodu tal-*frontloading/sub-frontloading*. Għall-għanijiet ta' din il-Linja ta' Gwida *sub-frontloading* jinkludi l-provvista ta' muniti euro fi starter kits lill-pubbliku ġenerali;

<sup>(1)</sup> ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.

<sup>(2)</sup> Deċiżjoni BĊE/2010/14 tas-16 ta' Settembru 2010 dwar il-verifika tal-awtentiċità u l-kundizzjoni u r-riċirkulazzjoni tal-karti tal-flus euro (ĠU L 267, 9.10.2010, p. 1).

**▼ B**

- (f) “BĊN tal-Eurosistema futur” tfisser il-bank ċentrali nazzjonali ta' xi Stat Membru parteċipanti futur;

**▼ M2**

- (g) “mekkaniżmu ta' trażmissjoni CIS 2” tfisser l-applikazzjoni tas-SEBĊ XML Data Integration (EXDI). L-applikazzjoni EXDI tintuża biex jiġu trażmessi messaġġi ta' dejta bejn BĊNi, BĊNi futuri tal-Eurosistema u l-BĊE b'mod kunfidenzjali, indipendentement mill-infrastruttura teknika (eż. networks tal-kompjuter u applikazzjonijiet tas-software) li tappoġġhom;

- (h) “messaġġ ta' dejta” tfisser fajl li fih dejta ta' kuljum, ta' kull xahar jew ta' nofs sena ta' BĊN jew BĊN futur tal-Eurosistema għal perijodu ta' rappurtar wieħed jew, fil-każ ta' reviżjonijiet, perijodu wieħed jew bosta perijodi ta' rappurtar f'format ta' dejta kumpatibbli mal-mekkaniżmu ta' trażmissjoni CIS 2;

“Stat Membru futur parteċipanti” tfisser Stat Membru mhux parteċipanti li ssodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti għall-adozzjoni tal-euro u li dwaru tkun ittieħdet deċiżjoni dwar l-abrogazzjoni tad-deroga (skont l-Artikolu 140 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea);

- (j) “jum ta' negozju” tfisser jum li fih BĊN li jirrapporta jkun miftuħ għan-negozju;

- (k) “dejta ta' kontabbiltà” tfisser il-valur mhux aġġustat ta' karti tal-flus euro f'ċirkolazzjoni kkoreġuti bl-ammont ta' klejms mhux imħallsa fil-konfront ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li joperaw programm estiż ta' kustodja tal-inventarju fl-għeluq ta' perijodu ta' rappurtar skont l-Artikolu 12(2)(a) u (b) tal-Linja ta' Gwida BĊE/2010/20 <sup>(1)</sup>;

- (l) “għrajja ta' dejta” tfisser għrajja reġistrata fis-CIS 2 li jistkatta t-trasmissjoni ta' notifika mis-CIS 2 lil BĊN wieħed jew aktar u lill-BĊE. Għrajja ta' dejta sseħħ: (i) meta BĊN ikun bagħat messaġġ ta' dejta ta' kuljum, ta' kull xahar jew ta' nofs sena lis-CIS 2 li jiskatta messaġġ ta' risposta lil dak il-BĊN u lill-BĊE; (ii) meta il-messaġġi ta' dejta tal-BĊNi kollha jkunu ġew ivalidati b'suċċess għal perijodu ta' rappurtar ġdid li jiskatta messaġġ ta' rapport dwar l-istatus mis-CIS 2 lill-BĊNi u lill-BĊE; jew (iii) meta, wara li jintbghat messaġġ ta' rapport tal-istatus ta' rapport, messaġġ ta' dejta rivedut għal BĊN jiġi vvalidat b'suċċess mis-CIS 2 li jiskatta notifika ta' reviżjoni lill-BĊNi u lill-BĊE;

- (m) “Cash handlers” tfisser l-istituzzjonijiet u l-aġenti ekonomiċi msemmijin fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1338/2001 <sup>(2)</sup>;

<sup>(1)</sup> Linja Gwida BĊE/2010/20 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-11 ta' Novembru 2010 dwar il-qafas legali għall-kontabbiltà u r-rappurtar finanzjarju fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (ĠU L 35, 9.2.2011, p. 31).

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2001 tat-28 ta' Ġunju 2001 li jistablixxi miżuri neċessarji għall-protezzjoni mill-iffalsifikar tal-euro (ĠU L 181, 4.7.2001, p. 6).

▼ M2

- (n) “entitajiet li joħorġu muniti” tfisser kwalunkwe korp fdat minn Stat Membru taż-żona tal-euro bil-kompitu li jpoġġi muniti euro f'ċirkolazzjoni. Entitajiet li joħorġu muniti jistgħu jinkludu BĊNi, zekek nazzjonali, teżori nazzjonali, aġenzji u entitajiet pubbliċi maħruġa li jpoġġu f'ċirkolazzjoni muniti taħt skemi ta' coin-held-to-order;
- (o) “skema ta' coin-held-to-order (CHTO)” tfisser skema li tikkonsisti f'arranġamenti kuntrattwali individwali bejn entità li toħroġ muniti u kustodju jew kustodji fl-Istat Membru tal-entità li toħroġ il-muniti, li permezz tagħha l-entità li toħroġ il-muniti:
- (i) tissupplixxi lill-kustodji b'muniti euro sabiex iżommuhom f'kustodja barra mill-fond tal-entità li toħroġ il-muniti bl-iskop li tpoġġihom f'ċirkolazzjoni; u
- (ii) tikkredita jew tiddebita direttament il-kont tal-BĊN miżmum minn wieħed jew waħda minn dawn li ġejjin:
- il-kustodju;
- istituzzjonijiet ta' kreditu li huma klijenti li jixtru muniti euro mingħand il-kustodju.

Il-muniti euro soġġetti għall-iskema CHTO huma ddepożitati ma' jew miġbuda mill-fond ta' kustodja tal-entità li toħroġ il-muniti mill-kustodju jew mill-klijenti tal-kustodju kif innotifikat lill-BĊN;

▼ M3

- (p) “element tad-dejta tal-kategorija 1” tfisser element ta' dejta rrapportat mill-BĊNi lis-CIS 2 kif iddefinit fl-Annessi I sa III, li għandu jiġi rrapportat għal kull perijodu ta' rapportar;
- (q) “element ta' dejta mmexxi minn ġrajja” tfisser element ta' dejta rrapportat mill-BĊNi lis-CIS 2 kif iddefinit fl-Annessi I sa III li għalih id-dejta hija rrapportata biss jekk il-ġrajja sottostanti sseħħ matul il-perijodu ta' rapportar;

▼ M2

- (r) “Identity and Access Management (IAM)” tfisser servizz ta' sigurtà kondiviż, użat biex jagħti u jikkontrolla aċċess għal applikazzjonijiet tas-SEBĊ.

▼ B

2. Kliem tekniku użat fl-Annessi għal din il-Linja ta' Gwida huma definiti fil-Glossarju anness.

▼ M2*Artikolu 2***Ġbir ta' dejta relatata mal-karti tal-flus euro**▼ M3

1. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE d-dejta tas-CIS 2 relatata mal-karti tal-flus tal-euro, i.e. l-elementi tad-dejta speċifikati fil-Parti 1 tal-Anness I, waqt li josservaw il-frekwenza tar-rapportar speċifikata fihom u r-regoli ta' riżerva speċifikati fil-Parti 3 tal-Anness I.

▼ **M2**

2. Il-BĊNi għandhom jittrażmettu d-dejta ta' kull xahar identifikata bħala dejta mmexxija minn avvenimenti relatata ma' karti tal-flus euro sa mhux aktar tard mis-sitt ġurnata ta' xogħol tax-xahar ta' wara l-perijodu ta' rappurtar.
3. Il-BĊNi għandhom jittrażmettu d-dejta ta' kuljum identifikata bħala dejta mmexxija minn avvenimenti relatata ma' karti tal-flus euro sa mhux aktar tard mill-17.00, Ħin Ċentrali Ewropew (CET) <sup>(1)</sup> fil-jum ta' ħidma ta' wara l-perijodu ta' rapportar.
4. Il-BĊNi għandhom jużaw il-mekkaniżmu ta' trażmissjoni CIS2 biex jittrażmettu d-dejta relatata mal-karti tal-flus euro lill-BĊE skont din il-Linja Gwida.

---

*Artikolu 3*
**Ġbir ta' dejta relatata mal-muniti euro**

1. Il-BĊNi għandhom jiġbru d-dejta tas-CIS 2 relatata mal-muniti euro, i.e. l-elementi ta' dejta speċifikati fil-Parti 1 tal-Anness II, mill-entitajiet rilevanti li joħorġu muniti euro fl-Istati Membri tagħhom.
2. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE dejta tas-CIS 2 relatata mal-muniti euro fuq bażi ta' kull xahar, waqt li josservaw ir-regoli ta' prenotazzjoni speċifikati fil-Parti 3 tal-Anness II.
3. Il-BĊNi għandhom jużaw il-mekkaniżmu ta' trażmissjoni CIS2 biex jittrażmettu d-dejta relatata mal-karti tal-flus euro lill-BĊE skont din il-Linja Gwida.

▼ **M1**


---

*Artikolu 4*
▼ **M2****Ġbir ta' dejta relatata mal-infrastruttura tal-flus kontanti u l-attivitajiet operazzjonali ta' terzi skont id-Deċiżjoni BĊE/2010/14**▼ **M3**

1. Il-BĊNi għandhom jipprovdu lill-BĊE bl-infrastruttura tal-flus kontanti u bid-dejta operattiva, kif speċifikat fl-Anness III, fuq bażi ta' kull sitt xhur. Id-dejta pprovdata lill-BĊE għandha tkun ibbażata fuq id-dejta li l-BĊNi jkunu kisbu mingħand il-kaxxiera skont l-Anness IV tad-Deċiżjoni BĊE/2010/14.

▼ **M2**


---

▼ **M1**

4. Il-BĊNi għandhom jużaw il-mekkaniżmu ta' trażmissjoni CIS2 biex jittrażmettu d-dejta msemmija fil-paragrafi 1 sa 3.
5. Kull sena, sa mhux aktar tard mis-sitt jum tax-xogħol ta' Ottubru, il-BĊNi għandhom jittrażmettu d-dejta msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 fir-rigward tal-perijodu ta' rappurtar minn Jannar sa Ġunju ta' dik is-sena.

---

<sup>(1)</sup> Is-CET iqis il-bidla għall-Ħin tas-Sajf tal-Ewropa Ċentrali (Central European Summer Time).

▼ **M1**

6. Kull sena, sa mhux aktar tard mis-sitt jum tax-xogħol ta' April, BĊNi għandhom jittrażmettu d-dejta riferita fil-paragrafi 1 u 3 dwar il-perijodu ta' rappurtar minn Lulju sa Diċembru tas-sena ta' qabel.

▼ **M2**

\_\_\_\_\_

▼ **B***Artikolu 5*

**Ġbir ta' dejta minn BĊNi tal-Eurosistema futur relatata mat-tibdil tal-flus kontanti euro tagħhom**

▼ **M2**

1. BĊN għandu jinkludi fl-arranġamenti kuntrattwali li huwa jinkludi ma' BĊN futur tal-Eurosistema skont l-Artikolu 3(3) tal-Linja Gwida BĊE/2006/9 <sup>(1)</sup>, dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-obbligi ta' rapportar stipulati f'dik il-Linja Gwida. Barra minn hekk, l-arranġamenti kuntrattwali għandhom jeħtieġu li l-BĊN futur tal-Eurosistema jirrapporta lill-BĊE fuq bażi ta' kull xahar l-elementi ta' dejta speċifikati fit-Taqsimiet 4 u 5 tat-tabella tal-Anness I u t-Taqsimiet 4 u 7 tat-tabella fl-Anness II. Il-BĊN futur tal-Eurosistema għandu jkun meħtieġ li jirrapporta waqt li josserva *mutatis mutandis* ir-regoli ta' prenotazzjoni speċifikati fil-Parti 3 tal-Anness I u l-Parti 3 tal-Anness II, relatati ma' kwalunkwe karti tal-flus euro u/jew muniti li huwa jissellef mingħand BĊN u li jkunu ġew ikkonsenjati lil mill-istess BĊN. Meta BĊN futur tal-Eurosistema ma jkunx ikkonkluda dawn il-ftehimiet kontrattwali ma' BĊN, il-BĊE għandu jikkonkludi dawn il-ftehimiet kontrattwali ma' dak il-BĊN futur tal-Eurosistema, inklużi l-obbligazzjonijiet ta' rappurtar riferiti f'dan l-Artikolu.

▼ **B**

2. L-ewwel trażmissjoni ta' dejta relatata mal-karti tal-flus u/jew muniti euro kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandha sseħħ mhux aktar tard mis-sitt jum ta' xogħol tax-xahar wara x-xahar li fih il-BĊN tal-Eurosistema futur jirċievi jew jipproduċi l-ewwel dawn il-karti tal-flus jew muniti euro.

▼ **M3**

3. Wara d-data tal-bidla tal-flus għall-euro u fi żmien perijodu li jrid jiġi miftiehem bejn il-BĊN u l-BĊE, il-BĊN għandu jagħmel rapport lill-BĊE dwar elementi ta' dejta speċifikati fl-Anness II fuq bażi ta' kuljum.

▼ **M2**

4. Il-BĊNi għandhom jużaw il-mekkaniżmu ta' trażmissjoni CIS2 biex jittrażmettu d-dejta msemmija fil-paragrafu 1.

▼ **B***Artikolu 6*

**Żamma tad-dejta ta' referenza u tal-parametri tas-sistema**

1. Il-BĊE għandu jdaħħal id-dejta ta' referenza u l-parametri tas-sistema msemmijin fl-Anness IV fis-CIS 2 u għandu jżommhom.

<sup>(1)</sup> Linja Gwida BĊE/2006/9 tal-14 ta' Lulju 2006, dwar ċerti preparazzjonijiet għat-tibdil tal-flus kontanti euro u dwar il-frontloading u s-subfrontloading tal-karti tal-flus u muniti euro barra ż-żona tal-euro (ĠU L 207, 28.7.2006, p. 39).

**▼B**

2. Il-BĊE għandu jieħu miżuri approprijati sabiex jiżgura li dik id-dejta u l-parametri tas-sistema huma kompleti u korretti.

**▼M2**

3. Il-BĊNi għandhom jittrasmettu b'mod tempestiv lill-BĊE, meta jintalbu jagħmlu dan, il-parametri tas-sistema speċifikati fl-Anness IV u għandhom jittrasmettu wkoll lill-BĊE kwalunkwe bidla sussegwenti fil-parametri tas-sistema.

**▼B***Artikolu 7***Kompletezza u korrettezza tat-trażmissjoni tad-dejta****▼M3**

1. Il-BĊNi għandhom jieħdu miżuri approprijati biex jiżguraw il-kompletezza u l-korrettezza tad-dejta meħtieġa skont din il-Linja Gwida qabel ma jittrażmettuha lill-BĊE. Bħala minimu, huma għandhom iwettqu:

(a) il-kontrolli tal-kompletezza, jiġifieri jiżguraw li elementi ta' dejta tal-kategorija 1 u li huma mmexxija minn ġrajjiet jiġu rrapportati skont il-prinċipji stabbiliti f'din il-Linja Gwida u fl-Annessi I sa III;

(b) il-kontrolli ta' korrettezza stipulati fl-Anness V.

L-applikazzjoni CIS 2 għandha tiċħad messaġġi ta' dejta li ma jkunux jinkludu elementi ta' dejta tal-kategorija 1 kif iddefinit fl-Annessi I sa III, li għandhom jiġu rrapportati għall-perijodu ta' rapportar rispettiv.

**▼B**

2. Kull BĊN għandu juża dejta tas-CIS 2 applikabbli biex jipproduċi figuri nazzjonali ta' ħruġ nett għall karti tal-flus euro. Kull BĊNi għandu mbagħad iqabbel dawn il-figuri mad-dejta ta' kontabbiltà tiegħu qabel jittrażmetti d-dejta tas-CIS 2 lill-BĊE.

**▼M3**

3. Il-BĊE għandu jiżgura li: (a) il-kontrolli ta' kompletezza u l-korrettezza speċifikati fl-Annessi I sa III u l-Anness V għal elementi ta' dejta li huma rrapportati fuq bażi ta' kull xahar u sitt xhur; u (b) il-kontrolli ta' kompletezza speċifikati fl-Annessi I u II għal elementi ta' dejta li huma rrapportati fuq bażi ta' kuljum, jitwettqu mis-CIS 2 qabel id-dejta tinħażen fid-database ċentrali tas-CIS 2.

**▼B**

4. Il-BĊE għandu jivverifika r-rikonċiljazzjoni tal-BĊNi tal-figuri nazzjonali ta' ħruġ nett għal karti tal-flus euro, kif imsemmi fil-paragrafu 2 u rrapportat fis-CIS 2, mad-dejta ta' kontabbiltà rispettiva, u għandu jikkonsulta mal-BĊNi rilevanti fil-każ ta' xi diskrepanzi.

5. Jekk BĊN jidentifika inkonsistenza fid-dejta tas-CIS 2 tiegħu wara li din id-dejta tkun ġiet trażmessa lill-BĊE, dak il-BĊN għandu jibgħat id-dejta korretta lill-BĊE permezz tal-mekkaniżmu tat-trażmissjoni tas-CIS 2 mingħajr dewmien żejjed.

**▼ M1**

6. Fejn il-BĊNi jirrappurtaw dejta tal-CIS 2 relatata mat-trasferiment u r-riċevuta ta' karti tal-flus speċifikati f'Parti 2 tal-Anness I, jiġifieri l-partiti tad-dejta 4.2 u 4.3, li huma inkonsistenti ma' xulxin, huma għandhom jiċċaraw il-kwistjoni bilateralmment mingħajr dewmien żejjed. Jekk jonqsu milli jagħmlu dan, il-BĊE għandu jintervjeni bil-ħsieb li jiżgura illi d-dejta tal-CIS 2 tiġi rappurtata b'mod korrett.

**▼ M2***Artikolu 8***Aċċess għas-CIS 2**

1. Malli jirċievi talba għal aċċess minn utent elettroniku permezz tal-IAM u soġġett għall-konklużjoni tal-arranġamenti kuntrattwali separati deskritti fil-paragrafu 2, il-BĊE għandu jagħti aċċess lis-CIS 2 għall-utenti individwali minn kull BĊN u kull BĊN futur tal-Eurosistema, soġġett għad-disponibbiltà u l-kapaċità.

2. Ir-responsabbiltà għall-ġestjoni teknika tal-utenti għall-utenti individwali għandha tiġi stipulata f'arranġamenti kuntrattwali separati bejn il-BĊE u BĊN għall-utenti individwali tiegħu u bejn il-BĊE u BĊN futur tal-Eurosistema għall-utenti individwali ta' dan tal-aħħar. Il-BĊE jista' jinkorpora wkoll f'dawn il-ftehimiet kontrattwali referenzi għal ftehimiet dwar il-ġestjoni tal-utenti, standards ta' sigurtà u kundizzjonijiet għal-liċenzjar applikabbli għas-CIS 2.

**▼ B***Artikolu 9***Notifiki awtomatiċi ta' ġrajjet ta' dejta**

Il-BĊE għandu jiżgura li s-CIS 2 tibgħat, permezz tal-mekkaniżmu tat-trażmissjoni tas-CIS 2, notifiki awtomatiċi ta' ġrajjet ta' dejta lil BĊNi li jitolbu dawn in- notifiki awtomatiċi.

*Artikolu 10***Trażmissjoni tad-dejta tas-CIS 2 lil BĊNi**

1. Il-BĊNi li jixtiequ jirċievu u jżommu d-dejta kollha tas-CIS 2 tal-BĊNi u tal-BĊNi tal-Ewrosistema futuri fl-applikazzjonijiet lokali barra mis-CIS 2 għandhom jibagħtu lill-BĊE talba bil-miktub għal trażmissjonijiet awtomatiċi regolari ta' din id-dejta mingħand is-CIS 2.

2. Il-BĊE għandu jiżgura li s-CIS 2 tibgħat id-dejta lil BĊNi li jitolbu s-servizz imsemmi fil-paragrafu 1 permezz tal-mekkaniżmu tat-trażmissjoni tas-CIS 2.

*Artikolu 11***Rwol tal-Bord Eżekuttiv**

1. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għall-immaniġġjar ta' kuljum tas-CIS 2.



**▼M2**

2. Skont l-Artikolu 17.3 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Bord Eżekuttiv għandu jkun awtorizzat li jagħmel emendi tekniċi għall-Annessi f'din il-Linja Gwida u għall-ispeċifikazzjonijiet tal-mekkaniżmu ta' trasmissjoni tas-CIS 2, wara li jqis il-fehmiet tal-Kumitat tal-Karti tal-Flus, tal-Kumitat Legali u tal-Kumitat tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni.

**▼B**

3. Il-Bord Eżekuttiv għandu jinnotifika 'l-Kunsill Governattiv b'kull emenda magħmula skont il-paragrafu 2 mingħajr dewmien żejjed u għandu jsegwi kull deċiżjoni adottata mill-Kunsill Governattiv dwar is-suġġett.

*Artikolu 12***Dħul fis-seħħ**

Din il-Linja ta' Gwida għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2008.

*Artikolu 13***Indirizzati**

Din il-Linja ta' Gwida tapplika għall-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

## ELEMENTI TAD-DEJTA DWAR KARTI TAL-FLUS EURO

## PARTI 1

## Skema ta' rapportar dwar karti tal-flus euro

Elementi tad-dejta										
In-numru	Isem ta' element ta' dejta	Numru totali ta' karti tal-flus	Taqsim tas-serje/varjanti	Taqsim tad-denominazzjoni	Taqsim ECI (1)	Frekwenza		Attribut tal-kompletezza		Sors tad-dejta
						kuljum	Ta' kull xahar	kategorija 1 (2)	immexxija minn avveniment	
Taqsim relatat mal-muvimenti tal-karti tal-flus tal-euro										
Minn BĊN	Lil BĊN	Minn tip ta' stokk (4)	Lil tip ta' stokk (5)	Kwalità (6)	Allokata għas-sena ta' produzzjoni (7)	Ippjanar (8)				
<b>1 Elementi ta' dejta kumulattivi</b>										
1.1	Karti tal-flus maħluqa	x	x	x			x	x		BĊN
1.2	Karti tal-flus meqruda onlajn	x	x	x			x	x		
1.3	Karti tal-flus meqruda offlajn	x	x	x			x	x		
<b>2 Elementi tad-dejta relatati mal-istokk ta' karti tal-flus</b>										
<i>A Stokks miżmuma mill-Eurosistema</i>										
2.1	Stokks Strateġiċi tal-Eurosistema ta' karti tal-flus ġodda	x	x	x			x	x	x	BĊN
2.2	Stokks Strateġiċi tal-Eurosistema ta' karti tal-flus f'kundizzjoni tajba	x	x	x			x	x	x	
2.3	Stokks loġistiċi ta' karti tal-flus ġodda miżmuma mill-BĊN	x	x	x			x	x	x	

## Elementi tad-dejta

In-numru	Isem ta' element ta' dejta	Numru totali ta' karti tal-flus	Taqsim tas-serje/varjanti	Taqsim tad-denominazzjoni	Taqsim ECI (1)	Frekwenza		Attribut tal-kompletezza		Sors tad-dejta
						kuljum	Ta' kull xahar	kategorija 1 (2)	immexxija minn avveniment	
2.4	Stokks loġistiċi ta' karti tal-flus f'kundizzjoni tajba miżmuma mill-BĊN	x	x (3)	x		x	x	x		
2.5	Stokks ta' karti tal-flus mhux f'kundizzjoni tajba (biex jinqerdu) miżmuma mill-BĊN	x	x	x		x	x	għal kull xahar	għal kuljum	
2.6	Stokks ta' karti tal-flus mhux proċessati miżmuma mill-BĊN	x	x (3)	x		x	x	x		

## B Stokks miżmuma minn banek NHTO

2.7	Stokks loġistiċi ta' karti tal-flus ġodda miżmuma minn entitajiet NHTO	x	x	x			x	x		Banek NHTO
2.8	Stokks loġistiċi ta' karti tal-flus f'kundizzjoni tajba miżmuma mill-banek NHTO	x	x (3)	x			x	x		
2.9	Stokks ta' karti tal-flus mhux f'kundizzjoni tajba miżmuma minn entitajiet NHTO	x	x	x			x	x		

Taqsim relatat mal-muvimenti tal-karti tal-flus tal-euro						
Minn BĊN	Lil BĊN	Minn tip ta' stokk (4)	Lil tip ta' stokk (5)	Kwalità (6)	Allokati għas-sena ta' produzzjoni (7)	Ippjanar (8)

## Elementi tad-dejta

In-numru	Isem ta' element ta' dejta	Numru totali ta' karti tal-flus	Taqsim tas-serje/varjanti	Taqsim tad-denominazzjoni	Taqsim ECI (1)	Frekwenza		Attribut tal-kompletezza		Sors tad-dejta
						kuljum	Ta' kull xahar	kategorija 1 (2)	immexxija minn avveniment	
2.10	Stokks ta' karti tal-flus mhux proċessati miżmuma minn entitajiet NHTO	x	x (3)	x			x	x		

Taqsim relatat mal-muvimenti tal-karti tal-flus tal-euro						
Minn BĊN	Lil BĊN	Minn tip ta' stokk (4)	Lil tip ta' stokk (5)	Kwalità (6)	Allokati għas-sena ta' produzzjoni (7)	Ippjanar (8)

## C Stokks miżmuma minn banek ECI

2.11	Stokks loġistiċi ta' karti tal-flus ġodda miżmuma minn banek ECI	x	x	x	x		x	x		Banek ECI
2.12	Stokks loġistiċi ta' karti tal-flus f'kundizzjoni tajba miżmuma minn banek ECI	x	x (3)	x	x		x	x		
2.13	Stokks ta' karti tal-flus mhux f'kundizzjoni tajba miżmuma minn banek ECI	x	x	x	x		x	x		
2.14	Stokks ta' karti tal-flus mhux proċessati miżmuma mill-banek ECI	x	x (3)	x	x		x	x		
2.15	Stokks loġistiċi ta' karti tal-flus fit-transitu minn jew lejn banek ECI	x	x (3)	x	x		x	x		

## Elementi tad-dejta

In-numru	Isem ta' element ta' dejta	Numru totali ta' karti tal-flus	Taqsim tas-serje/varjanti	Taqsim tad-denominazzjoni	Taqsim ECI (1)	Frekwenza		Attribut tal-kompletezza		Sors tad-dejta	Taqsim relatat mal-muvimenti tal-karti tal-flus tal-euro						
						kuljum	Ta' kull xahar	kategorija 1 (2)	immexxija minn avveniment		Minn BĊN	Lil BĊN	Minn tip ta' stokk (4)	Lil tip ta' stokk (5)	Kwalità (6)	Allokati għas-sena ta' produzzjoni (7)	Ippjanar (8)

## 3 Elementi tad-dejta relatati ma' attivitajiet operazztivi

## A Attivitajiet operattivi ta' BĊNi

3.1	Karti tal-flus maħruġin minn BĊN	x	x (3)	x		x	x	x		BĊN
3.2	Karti tal-flus ittrasferiti minn BĊN lil entitajiet NHTO	x	x (3)	x		x	x	x		
3.3	Karti tal-flus trasferiti minn BĊN lil banek ECI	x	x (3)	x	x	x	x		x	
3.4	Karti tal-flus irrifornati lil BĊN	x	x (3)	x		x	x	x		
3.5	Karti tal-flus ittrasferiti minn entitajiet NHTO lil BĊN	x	x (3)	x		x	x	x		
3.6	Karti tal-flus ittrasferiti minn banek ECI lil BĊN	x	x (3)	x	x	x	x		x	
3.7	Karti tal-flus proċessati minn BĊN	x	x	x			x	x		

## Elementi tad-dejta

In-numru	Isem ta' element ta' dejta	Numru totali ta' karti tal-flus	Taqsim tas-serje/varjanti	Taqsim tad-denominazzjoni	Taqsim ECI (1)	Frekwenza		Attribut tal-kompletezza		Sors tad-dejta
						kuljum	Ta' kull xahar	kategorija 1 (2)	immexxija minn avveniment	
3.8	Karti tal-flus magħżula bħala mhux f'kundizzjoni tajba minn BĊN	x	x	x			x	x		
3.9	Karti tal-flus fi tranżitu lejn BĊNi oħrajn	x	x	x		x			x	
3.10	Karti tal-flus ġodda meqruda direttament minn LS	x	x	x			x		x	
3.11	Karti tal-flus tajba meqruda direttament minn LS	x	x (3)	x			x		x	
3.12	Karti tal-flus ġodda meqruda direttament mill-ESS	x	x	x			x		x	
3.13	Karti tal-flus tajba meqruda direttament minn ESS	x	x (3)	x			x		x	
3.14	Karti tal-flus mhux ipproċessati meqruda direttament mill-istokk	x	x (3)	x			x		x	

Taqsim relatat mal-muvimenti tal-karti tal-flus tal-euro						
Minn BĊN	Lil BĊN	Minn tip ta' stokk (4)	Lil tip ta' stokk (5)	Kwalità (6)	Allokati għas-sena ta' produzzjoni (7)	Ippjanar (8)

## Elementi tad-dejta

In-numru	Isem ta' element ta' dejta	Numru totali ta' karti tal-flus	Taqsim tas-serje/varjanti	Taqsim tad-denominazzjoni	Taqsim ECI (1)	Frekwenza		Attribut tal-kompletezza		Sors tad-dejta	Taqsim relatat mal-muvimenti tal-karti tal-flus tal-euro						
						kuljum	Ta' kull xahar	kategorija 1 (2)	immexxija minn avveniment		Minn BĊN	Lil BĊN	Minn tip ta' stokk (4)	Lil tip ta' stokk (5)	Kwalità (6)	Allokati għas-sena ta' produzzjoni (7)	Ippjanar (8)

B *Attivitajiet operattivi ta' entitajiet NHTO*

3.15	Karti tal-flus mpoġġija fiċ-ċirkolazzjoni minn entitajiet NHTO	x	x (3)	x		x	x	x		banek NHTO
3.16	Karti tal-flus ritornati lil entitajiet NHTO	x	x (3)	x		x	x	x		
3.17	Karti tal-flus proċessati minn entitajiet NHTO	x	x	x			x	x		
3.18	Karti tal-flus magħżula bħala mhux f'kundizzjoni tajba minn entitajiet NHTO	x	x	x			x	x		

C *Attivitajiet operattivi ta' banek ECI*

3.19	Karti tal-flus mpoġġija fiċ-ċirkolazzjoni minn banek ECI	x	x (3)	x	x	x	x	x		Banek ECI
3.2	Karti tal-flus ritornati lil banek ECI	x	x (3)	x	x	x	x	x		
3.21	Karti tal-flus proċessati minn banek ECI	x	x	x	x		x	x		

## Elementi tad-dejta

In-numru	Isem ta' element ta' dejta	Numru totali ta' karti tal-flus	Taqsim tas-serje/varjanti	Taqsim tad-denominazzjoni	Taqsim ECI (1)	Frekwenza		Attribut tal-kompletezza		Sors tad-dejta
						kuljum	Ta' kull xahar	kategorija 1 (2)	immexxija minn avveniment	
3.22	Karti tal-flus magħżula bħala mhux f'kundizzjoni tajba minn banek ECI	x	x	x	x		x	x		

Taqsim relatat mal-movimenti tal-karti tal-flus tal-euro						
Minn BĊN	Lil BĊN	Minn tip ta' stokk (4)	Lil tip ta' stokk (5)	Kwalità (6)	Allokati għas-sena ta' produzzjoni (7)	Ippjanar (8)

## 4 Elementi tad-dejta relatati mal-movimenti ta' karti tal-flus

4.1	Kunsinna minn stamperija ta' produzzjoni ġdida lil BĊN responsabbli jew li jirċievi	x	x	x			x		x	BĊN responsabbli
4.2	Trasferiment ta' karti tal-flus	x	x (3)	x			x		x	BĊN responsabbli/li jipprova
4.3	Riċevuta ta' karti tal-flus	x	x (3)	x			x		x	BĊN li jirċievi

	x	x	x	x						x
x							x	x		

## 5 Elementi ta' dejta għal BĊNi futuri tal-Eurosistema

5.1	Stokks ta' valuta legali ta' qabel	x	x (3)	x			x		x	BĊN futur tal-Eurosistema
5.2	Frontloading	x	x (3)	x			x		x	



Elementi tad-dejta

In-numru	Isem ta' element ta' dejta	Numru totali ta' karti tal-flus	Taqsim tas-serje/varjanti	Taqsim tad-denominazzjoni	Taqsim ECI <sup>(1)</sup>	Frekwenza		Attribut tal-kompletezza		Sors tad-dejta
						kuljum	Ta' kull xahar	kategorija 1 <sup>(2)</sup>	immexxija minn avveniment	
5.3	Sub-frontloading	x	x <sup>(3)</sup>	x			x		x	Kontra-partijiet eliġibbli frontloadad

Taqsim relatat mal-muvimenti tal-karti tal-flus tal-euro						
Minn BĊN	Lil BĊN	Minn tip ta' stokk <sup>(4)</sup>	Lil tip ta' stokk <sup>(5)</sup>	Kwalità <sup>(6)</sup>	Allokati għas-sena ta' produzzjoni <sup>(7)</sup>	Ippjanar <sup>(8)</sup>

6 Dejta ta' kuljum fuq ħruġ nett nazzjonali ta' karti tal-flus

6.1	Ħruġ nett nazzjonali ta' karti tal-flus	x	x	x		x		x		BĊN
-----	---	---	---	---	--	---	--	---	--	-----

<sup>(1)</sup> Id-dejta hija maqsuma minn kull bank ECI.

<sup>(2)</sup> L-attribut tal-kompletezza tal-kategorija 1 japplika għall-elementi tad-dejta kollha bi status ta' valuta legali. Jekk l-istatus ta' valuta legali jiġi f'fissat għal offerta pre- jew postlegali, fuq il-bażi ta' deċiżjoni separata, l-elementi kollha ta' dejta tal-kategorija 1 jitqiesu bħala elementi tad-dejta mmexxija minn avveniment.

<sup>(3)</sup> Skont il-modalitajiet ta' ħruġ kif preskritti f'deċiżjoni separata, l-entitajiet indikati bħala s-sors tad-dejta jużaw metodi statistiċi għad-determinazzjoni tat-tqassim skont is-serje u varjanti għal gruppi mħallta jew pakketti mħallta li fihom karti tal-flus tal-euro ta' serje differenti u/jew varjanti.

<sup>(4)</sup> Tagħrif huwa pprovdut fuq it-tip ta' stokk minn fejn il-karti tal-flus trasferiti tliehdu mill-BĊN li pprovdihom, i.e. produzzjoni (kunsinna minn stamperija), Stokk Strateġiku tal-Eurosistema (ESS) jew stokk loġistiku (LS).

<sup>(5)</sup> Tagħrif huwa pprovdut fuq it-tip ta' stokk fejn il-karti tal-flus ġew trasferiti lill-BĊN li rċevihom, i.e. ESS jew LS.

<sup>(6)</sup> Tagħrif huwa pprovdut fuq jekk il-karti tal-flus trasferiti kinux ġodda, f'kundizzjoni tajba, mhux proċessati jew karti tal-flus mhux f'kundizzjoni tajba. Jekk karti tal-flus ta' iktar minn tip ta' kwalità waħda kienu ttrasferiti, waqt li t-taqsimiet l-oħra huma identiċi, moviment separat jiġi rapportat għal kull tip ta' kwalità.

<sup>(7)</sup> Tagħrif huwa pprovdut fuq is-sena kalendarja li fiha ġiet allokata l-produzzjoni f'att legali separat tal-BĊE dwar il-produzzjoni tal-karti tal-flus, irrispettivament minn jekk il-produzzjoni estendietx fis-sena ta' wara. Jekk il-karti tal-flus konsenjati jirrigwardaw atti legali separati tal-BĊE dwar il-produzzjoni ta' karti tal-flus, li kull wieħed minnhom jirreferi għal sena differenti, waqt li t-taqsim l-ieħor ikun identiku, kunsinni separati jiġu rapportati.

<sup>(8)</sup> Tagħrif huwa pprovdut fuq jekk it-trasferiment kienx skemat skont att legali separat tal-BĊE, jew permezz ta' trasferiment mhux ippjanat.

## ▼ M3

## PARTI 2

## Speċifikazzjoni ta' elementi tad-dejta dwar karti tal-flus euro

Għal kull element ta' dejta, BĊNi u BĊNi tal-Eurosistema futuri jirrapportaw il-figuri f'termini ta' biċċiet b'halha figuri s'ħaħ, irrispettivament jekk humiex pożittivi jew negattivi.

## 1. Elementi tad-dejta kumulattivi

Dejta kumulattiva hija figura aggregata fuq il-perijodi ta' rapportar kollha li jibdeu mill-ewwel kunsinna mingħand stamperija, inklużi dawk li jseħħu qabel l-introduzzjoni ta' serje, varjanti jew denominazzjoni ġdida, u li jintemmu mal-għeluq tal-perijodu ta' rapportar rispettiv.

1.1	Karti tal-flus maħluqa	Karti tal-flus li ġew: (i) prodotti skont att legali separat tal-BĊE dwar il-produttjoni ta' karti tal-flus; (ii) konsenjati lil-LS jew ESS tal-BĊNi u miżmuma mill-BĊN; u (iii) reġistrati fis-sistema ta' maniġġjar ta' flus kontanti tal-BĊN <sup>(1)</sup> . Karti tal-flus mgħoddija jew miżmuma mill-entitajiet NHTO u banek ECI, inklużi karti tal-flus meqruda (elementi tad-dejta 1.2 u 1.3), jibqgħu parti mill-karti tal-flus maħluqa tal-BĊN
1.2	Karti tal-flus meqruda onlajn	Karti tal-flus maħluqa li ġew meqruda f'magna li tagħżel il-karti tal-flus li għandha magna li tqatta' integrata wara l-għażla għal awtentiċità u kundizzjoni tajba, jew mill-BĊN jew f'isem il-BĊN
1.3	Karti tal-flus meqruda offlajn	Karti tal-flus maħluqa li ġew meqruda wara l-għażla għal awtentiċità u kundizzjoni tajba b'mezzi oħra barra magna li tagħżel il-karti tal-flus li għandha magna li tqatta' integrata, jew mill-BĊN jew f'isem il-BĊN, eż. karti tal-flus mutilati jew karti tal-flus li ma ġewx aċċettati minn magna li tagħżel il-flus għal kwalunkwe raġuni. Din id-dejta teskludi kull karta tal-flus meqruda onlajn (element tad-dejta 1.2)

## 2. Elementi tad-dejta relatati mal-istokks ta' karti tal-flus

Dawn l-elementi tad-dejta, b'halha dejta ta' stokk, jirreferu għall-tmiem il-perijodu ta' rapportar

## (A) Stokks miżmuma mill-Eurosistema

2.1	ESS ta' karti tal-flus ġodda	Karti tal-flus ġodda li jagħmlu parti mill-ESS u li huma miżmuma mill-BĊN f'isem il-BĊE
2.2	ESS ta' karti tal-flus f'kundizzjoni tajba	Karti tal-flus f'kundizzjoni tajba li jagħmlu parti mill-ESS u li huma miżmuma mill-BĊN f'isem il-BĊE
2.3	LS ta' karti tal-flus ġodda miżmuma mill-BĊN	Karti tal-flus ġodda li huma parti mill-LS tal-BĊN u miżmuma mill-BĊN (fl-uffiċċju prinċipali u/jew fil-livell tal-fergħa). Din il-figura ma tinkludix karti tal-flus ġodda li huma parti mill-ESS
2.4	LS ta' karti tal-flus f'kundizzjoni tajba miżmuma mill-BĊN	Karti tal-flus f'kundizzjoni tajba li huma parti mill-LS tal-BĊN u miżmuma mill-BĊN (fl-uffiċċju prinċipali u/jew fil-livell tal-fergħa). Din il-figura ma tinkludix karti tal-flus f'kundizzjoni tajba li huma parti mill-ESS.
2.5	Stokks ta' karti tal-flus mhux f'kundizzjoni tajba (biex jinqerdu) miżmuma mill-BĊN	Karti tal-flus mhux f'kundizzjoni tajba li jkollu l-BĊN, u li għadhom ma ġewx meqruda
2.6	Stokks ta' karti tal-flus mhux proċessati miżmuma mill-BĊN	Karti tal-flus li jkollu l-BĊN, u li għadhom ma ġewx awtentikati u magħżula għall-kundizzjoni mill-BĊN b'magna tal-għażla tal-karti tal-flus jew manwalment. Karti tal-flus li ġew awtentikati u magħżula għall-kundizzjoni mill-entitajiet NHTO, banek ECI jew kull istituzzjoni ta' kreditu jew kaxxiera professjonali oħra u sussegwentement ġew mogħtija lura lill-BĊN jagħmlu parti minn dan l-element tad-dejta sakemm il-BĊN jkun ipproċessa dawn il-karti tal-flus.

▼ **M3**(B) *Stokks miżmuma minn entitajiet NHTO*

Dawn l-elementi tad-dejta jirreferu għall-iskema NHTO li BĊN jista' jistabbilixxi fil-ġurisdizzjoni tiegħu. Dejta miġbura minn entitajiet NHTO individwali hija rapportata mill-BĊN aggregata għall-entitajiet NHTO kollha. Dawn l-istokks ma humiex tal-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni

2.7	LS ta' karti tal-flus ġodda miżmumin minn entitajiet NHTO	Karti tal-flus ġodda trasferiti mill-BĊN miżmuma minn entitajiet NHTO
2.8	LS ta' karti tal-flus f'kundizzjoni tajba miżmumin minn entitajiet NHTO	Karti tal-flus f'kundizzjoni tajba jew trasferiti mill-BĊN jew ritornati miċ-ċirkolazzjoni u meqjusa bħala f'kundizzjoni tajba mill-entitajiet NHTO skont id-Deċiżjoni BĊE/2010/14, li huma miżmuma mill-entitajiet NHTO
2.9	Stokks ta' karti tal-flus mhux f'kundizzjoni tajba miżmuma mill-entitajiet NHTO	Karti tal-flus meqjusa bħala mhux f'kundizzjoni tajba mill-entitajiet NHTO skont id-Deċiżjoni BĊE/2010/14, li huma miżmuma mill-entitajiet NHTO
2.10	Stokks ta' karti tal-flus mhux proċessati miżmuma mill-entitajiet NHTO	Karti tal-flus li jkollhom entitajiet NHTO, u li għadhom ma ġewx awtentikati u magħżula skont id-Deċiżjoni BĊE/2010/14

(C) *Stokks miżmuma minn banek ECI*

Dawn l-elementi tad-dejta jirreferu għal programm ECI. Dawn l-istokks ma humiex tal-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni.

2.11	LS ta' karti tal-flus ġodda miżmumin minn ECI	Karti tal-flus ġodda trasferiti mill-BĊN miżmuma minn bank ECI
2.12	LS ta' karti tal-flus f'kundizzjoni tajba miżmumin minn banek ECI	Karti tal-flus f'kundizzjoni tajba jew trasferiti mill-BĊN jew ritornati miċ-ċirkolazzjoni u meqjusa bħala f'kundizzjoni tajba minn bank ECI skont id-Deċiżjoni BĊE/2010/14, li huma miżmuma mill-banek ECI
2.13	Stokks ta' karti tal-flus mhux f'kundizzjoni tajba miżmuma minn banek ECI	Stokks ta' karti tal-flus li jitqiesu mhux f'kundizzjoni tajba minn bank ECI skont id-Deċiżjoni BĊE/2010/14 u li huma miżmuma mill-bank ECI
2.14	Stokks ta' karti tal-flus mhux proċessati miżmuma minn banek ECI	Karti tal-flus mhux proċessati miżmuma minn bank ECI u li ma ġewx awtentikati u magħżula skont id-Deċiżjoni BĊE/2010/14
2.15	Stokks loġistiċi ta' karti tal-flus fit-tranżitu minn jew lejn banek ECI	Karti tal-flus pprovduti minn BĊN lil bank ECI (jew impriża ta' flus kontanti fit-tranżitu li tidher f'isem bank ECI) li fit-tmiem tal-perijodu ta' rapportar għadhom fit-tranżitu lejn il-bini tal-bank ECI, u kull karta tal-flus kontanti fi tranżitu li jridu jirċievu BĊN mingħand bank ECI (jew minn impriża ta' flus kontanti fit-tranżitu li tidher f'isem bank ECI) li fi tmiem il-perijodu ta' rapportar għadhom fit-tranżitu, i.e. li telqu mill-bini tal-bank ECI imma għadhom ma waslux fil-BĊN

## ▼ M3

## 3. Elementi tad-dejta relatati ma' attivitajiet operattivi

Dawn l-elementi tad-dejta, bħala dejta ta' flussi, ikopru l-perijodu kollu tar-rapportar

## (A) Attivitajiet operattivi ta' BĊNi

3.1	Karti tal-flus maħruġin minn BĊN	Karti tal-flus ġodda u f'kundizzjoni tajba rtirati minn terzi persuni fil-bank ta' BĊN irrispettivament jekk il-karti tal-flus irtirati ġewx debitati mill-kont ta' klijent jew le. Dan l-element tad-dejta jeskludi trasferimenti lil entitajiet NHTO (element tad-dejta 3.2) u banek ECI (element tad-dejta 3.3)
3.2	Karti tal-flus ittrasferiti minn BĊN għal entitajiet NHTO	Karti tal-flus ġodda u f'kundizzjoni tajba li l-BĊN ttrasferixxa lil entitajiet NHTO
3.3	Karti tal-flus trasferiti minn BĊN lil banek ECI	Karti tal-flus ġodda u f'kundizzjoni tajba li l-BĊN ttrasferixxa lil banek ECI
3.4	Karti tal-flus ritornati lil BĊN	Karti tal-flus ritornati miċ-ċirkolazzjoni lill-BĊN, irrispettivament jekk il-karti tal-flus ritornati ġewx kreditati fil-kont ta' klijent jew le. Dan l-element tad-dejta jeskludi trasferimenti lill-BĊN mill-entitajiet NHTO (element tad-dejta 3.5) u banek ECI (element tad-dejta 3.6)
3.5	Karti tal-flus ittrasferiti minn entitajiet NHTO lil BĊN	Karti tal-flus li entitajiet NHTO ittrasferew lill-BĊN
3.6	Karti tal-flus ittrasferiti minn banek ECI lil BĊN	Karti tal-flus li banek ECI ittrasferew lill-BĊN
3.7	Karti tal-flus proċessati minn BĊN	Karti tal-flus awtentikati u magħżula għall-kundizzjoni mill-BĊN b'magna tal-għażla tal-karti tal-flus jew manwalment.  Din id-dejta tirrappreżenta stokks ta' karti tal-flus mhux proċessati (element tad-dejta 2.6) tal-perijodu ta' rapportar ta' qabel + karti tal-flus ritornati miċ-ċirkolazzjoni (element tad-dejta 3.4) + karti tal-flus trasferiti minn entitajiet NHTO għal BĊN (element tad-dejta 3.5) + karti tal-flus trasferiti minn banek ECI għal BĊN (element tad-dejta 3.6) + karti tal-flus mhux proċessati trasferiti għal BĊNi oħra (element tad-dejta 4.2) – stokks ta' karti tal-flus mhux proċessati tal-perijodu kurrenti ta' rapportar (element tad-dejta 2.6)
3.8	Karti tal-flus magħżula bħala mhux f'kundizzjoni tajba minn BĊN	Karti tal-flus proċessati mill-BĊN u magħżula skont att legali separat tal-BĊE dwar proċessar ta' karti tal-flus minn BĊNi
3.9	Karti tal-flus fi tranżitu lil BĊN(i) oħra	Karti tal-flus ittrasferiti minn BĊN li jissupplixxu lil dawk li jirċievu li kienu diġà riżervati minn stokks loġistiċi, l-ESS, l-istokk ta' karta tal-flus mhux f'kundizzjoni tajba jew l-istokk ta' karti mhux ipproċessati ta' BĊN li jissupplixxi, imma ma ġiex irriżervat bħala parti mill-istokks loġistiċi, l-ESS, l-istokk ta' karti mhux f'kundizzjoni tajba ta' BĊN li jirċievu.
3.10	Karti tal-flus ġodda meqruha direttament minn LS	Karti tal-flus ġodda li nqerdu minn stokks loġistiċi, jew onlajn jew offlajn, mill-BĊN skont deċizzjoni separata tal-BĊE. Il-qerda trid tiġi riflessa wkoll fl-element tad-dejta 1.2 jew 1.3.

## ▼M3

3.11	Karti tal-flus f'kundizzjoni tajba meqruda direttament minn LS	Karti tal-flus f'kundizzjoni tajba li nqerdu minn stokks loġistiċi, jew onlajn jew offlajn, mill-BĊN skont deċiżjoni separata tal-BĊE. Il-qerda trid tiġi riflessa wkoll fl-element tad-dejta 1.2 jew 1.3.
3.12	Karti tal-flus ġodda meqruda direttament mill-ESS	Karti tal-flus ġodda li nqerdu minn ESS, jew onlajn jew offlajn, mill-BĊN skont deċiżjoni separata tal-BĊE. Il-qerda trid tiġi riflessa wkoll fl-element tad-dejta 1.2 jew 1.3.
3.13	Karti tal-flus f'kundizzjoni tajba meqruda direttament mill-ESS	Karti tal-flus f'kundizzjoni tajba li nqerdu minn ESS, jew onlajn jew offlajn, mill-BĊN skont deċiżjoni separata tal-BĊE. Il-qerda trid tiġi riflessa wkoll fl-element tad-dejta 1.2 jew 1.3.
3.14	Karti tal-flus mhux ipproċessati meqruda direttament mill-istokk	Karti tal-flus li nqerdu mill-istokk ta' karti tal-flus mhux ipproċessati, jew onlajn jew offlajn mill-BĊN skont deċiżjoni separata tal-BĊE. Il-qerda trid tiġi riflessa wkoll fl-element tad-dejta 1.2 jew 1.3.

(B) *Attivitajiet operattivi ta' entitajiet NHTO*

3.15	Karti tal-flus impoġġija fiċ-ċirkolazzjoni minn entitajiet NHTO	Karti tal-flus mpoġġija fiċ-ċirkolazzjoni minn entitajiet NHTO, i.e. l-irtirar totali f'entitajiet NHTO
3.16	Karti tal-flus ritornati lil entitajiet NHTO	Karti tal-flus mpoġġija fiċ-ċirkolazzjoni minn entitajiet NHTO, i.e. id-depożiti totali f'entitajiet NHTO
3.17	Karti tal-flus proċessati minn entitajiet NHTO	Karti tal-flus awtentikati u magħżula għall-kundizzjoni mill-entitajiet NHTO b'magni tal-għażla tal-karti tal-flus jew manwalment skont id-Deċiżjoni BĊE/2010/14.
3.18	Karti tal-flus magħżula bħala mhux f'kundizzjoni tajba minn entitajiet NHTO	Karti tal-flus proċessati minn entitajiet NHTO u magħżula bħala mhux f'kundizzjoni tajba skont id-Deċiżjoni BĊE/2010/14

(C) *Attivitajiet operattivi ta' banek ECI*

3.19	Karti tal-flus mpoġġija fiċ-ċirkolazzjoni minn banek ECI	Karti tal-flus mpoġġija fiċ-ċirkolazzjoni minn banek ECI, i.e. l-izbankar totali fil-bank ECI
3.20	Karti tal-flus ritornati lil banek ECI	Karti tal-flus ritornati miċ-ċirkolazzjoni għal bank ECI, i.e. id-depożiti totali fil-bank ECI
3.21	Karti tal-flus proċessati minn banek ECI	Karti tal-flus awtentikati u magħżula għall-kundizzjoni minn bank ECI b'magni tal-għażla tal-karti tal-flus jew manwalment skont id-Deċiżjoni BĊE/2010/14.  Din id-dejta tirrappreżenta l-istokks ta' karti tal-flus mhux proċessati (element tad-dejta 2.14) tal-perijodu ta' rapportar ta' qabel + karti tal-flus ritornati lil banek ECI (element tad-dejta 3.20) – stokks ta' karti tal-flus mhux proċessati (element tad-dejta 2.14) tal-perijodu kurrenti ta' rapportar
3.22	Karti tal-flus magħżula bħala mhux f'kundizzjoni tajba minn banek ECI	Karti tal-flus proċessati minn bank ECI u magħżula bħala mhux f'kundizzjoni tajba skont id-Deċiżjoni BĊE/2010/14

## ▼ M3

**4. Elementi tad-dejta relatati mal-movimenti ta' karti tal-flus**

Dawn l-elementi tad-dejta, bħala dejta ta' flussi, ikopru l-perijodu kollu tar-rapportar

4.1	Kunsinna minn stamperija ta' produzzjoni ġdida lil BĊN responsabbli jew li jirċievi	Karti tal-flus ġodda li ġew prodotti skont att legali separat tal-BĊE dwar il-produzzjoni ta' karti tal-flus u li ġew konsenjati minn stamperija lill-BĊN responsabbli jew li jirċievi
4.2	Trasferiment ta' karti tal-flus	Karti tal-flus trasferiti mill-BĊN għal BĊN ieħor jew internament mill-LS tiegħu stess għall-ESS miżmum mill-BĊN, jew bil-kontra
4.3	Riċevuta ta' karti tal-flus	Karti tal-flus riċevuti mill-BĊN mingħand BĊN ieħor jew trasferiti internament mill-LS tiegħu stess għall-ESS miżmum mill-BĊN, jew bil-kontra

**5. Elementi tad-dejta għal bċni futuri tal-eurosistema**

Dawn l-elementi tad-dejta jirreferu għall-tmiem il-perijodu ta' rapportar

5.1	Stokks ta' valuta legali ta' qabel	Karti tal-flus euro miżmuma minn BĊN futuri tal-Eurosistema għall-iskop tad-tibdil tal-flus kontanti
5.2	Frontloading	Karti tal-flus euro frontloaded mill-BĊN futuri tal-Eurosistema lil kontra-partijiet eliġibbli li jissodisfaw ir-rekwiżiti biex jirċievu karti tal-flus euro għall-iskop ta' frontloading qabel it-tibdil ta' flus kontanti skont il-Linja Gwida BĊE/2006/9
5.3	Sub-frontloading	Karti tal-flus euro sub-frontloaded minn kontrapartijiet eliġibbli lil terzi persuni professjonali skont il-Linja Gwida BĊE/2006/9 u miżmuma minn dawk it-terzi persuni professjonali fil-bini tagħhom qabel it-tibdil tal-flus kontanti Il-valur ta' dan l-element tad-dejta m'għandux jaqbeż il-valur tal-element tad-dejta 5.2.

**6. Dejta ta' kuljum fuq ħruġ nett nazzjonali ta' karti tal-flus**

Dawn l-elementi tad-dejta jirreferu għall-tmiem il-perijodu ta' rapportar

6.1	Ħruġ nett nazzjonali ta' karti tal-flus	Kwalunkwe differenza bejn in-numru aggregat tal-karti tal-flus maħruġin minn BĊE u mpoġġija fiċ-ċirkolazzjoni minn entitajiet NHTO fuq naħa u n-numru aggregat tal-karti tal-flus ritornati lill-BĊNi u entitajiet NHTO fuq in-naħa l-oħra.
-----	---	---

(<sup>1</sup>) Kwalunkwe karti tal-flus maħluqa u mmarkati sussegwentement bħala kampjuni ta' karti tal-flus jitnaqqsu minn din il-partita ta' dejta.

## PARTI 3

**Regoli ta' riżerva tas-CIS 2 għal movimenti tal-karti tal-flus euro**1. *Introduzzjoni*

